MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2005

Numru. 8/2005

**Il-Pulizija**

**(Spettur Maurice Curmi)**

**Vs**

**ROBERT BUTTIGIEG**

**Seduta ta' llum 27 ta' Settembru, 2005**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **ROBERT BUTTIGIEG** ta' 22 sena, bin Charles u Doris nee` Bugeja, imwieled Awstralja fit-23 ta' Lulju, 1982 u joqghod 87 Triq Ta' Cenc, Sannat, Ghawdex, detentur tal-karta ta' l-identita` numru 382398(M), gie imressaq quddiemha u akkuzat:

(1) talli b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, fil-21 ta' Awissu, 2004 ghall-habta tan-nofs siegha ta' filghodu u fil-gimghat ta' qabel f'Sannat Ghawdex, ikkommetta serq ta' petrol minn diversi vetturi, a detriment ta' Carmelo Mercieca mill-Qala Ghawdex, liema serq hu kwalifikat, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa; u

(2) talli fl-istess zmien, hin, lok u cirkostanzi hawn fuq imsemmija, xjentement f'Malta laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat jew, xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom, u cioe` laqa' ghandu petrol mehud minn diversi vetturi ghad-detriment ta' Carmelo Mercieca mill-Qala;

(3) u aktar talli fl-istess zmien, hin, lok u cirkostanzi hawn fuq imsemmija, ikkommetta hsara volontarja a dannu ta' Carmelo Mercieca mill-Qala, liema hsara hija ta' aktar minn hamsin liri Maltin (Lm50), izda ma teccedix il-hames mitt liri Maltin (Lm500).

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom il-Kunsens ta' l-Avukat Generali datat 22 ta' Frar, 2005 ipprezentat fl-atti mill-Ispettur Maurice Curmi nhar it-12 ta' April, 2005, liema Kunsens gie mmarkat bhala Dok. CSH2.

Semghet lill-imputat jirregistra l-ammissjoni tieghu ghall-akkuzi kollha kif moghtija mill-Prosekuzzjoni u dana fl-ewwel opportunita` li nghata waqt il-prezentata li saret nhar it-12 ta' April, 2005, proprju fl-ezami li sarlu fl-istess jum *ai termini* ta' l-artikolu 370(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti tat zmien xieraq lill-imputat sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni ieghu pero` dan nonostante fil-prezenza ta' l-avukat difensur tieghu Dr. Chris Said, l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuzi kollha.

Rat illi l-ammissjoni tieghu kienet wahda volontarja, spontaneja u inkondizzjonata u ghalhekk a bazi ta' tali

ammissjoni l-Qorti m'ghandhiex haga ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu, salv ghal dak li ser jinghad aktar tard.

Ikkunsidrat.

Semghet lil Matthew Grima jixhed ghan-nom tal-*garage* ta' zijuh Carmelo Mercieca jghid li l-*garage* sofra s-somma ta' Lm236 rapprezentanti serq ta' *petrol* minn diversi vetturi, u jghid illi l-imputat kien wiegeb lil zijuh Carmelo Mercieca li kien lest li jirritorna lura dawn il-flejjes.

Rat il-Fedina Penali ta' l-imputat esebita a fol. 5 tal-process minn fejn jirrizulta li l-imputat kien instab hati ta' kontravenzjoni fis-sena 1998 u kien inghata canfira.

In vista tas-suespost u cioe` l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat, il-ko-operazzjoni totali ta' l-imputat mal-Prosekuzzjoni sa mill-bidu nett ta' l-investigazzjoni kif jirrizulta miin ezami ta' l-Istqarrija rilaxxjata mill-imputat *a tempo vergine* ta' l-investigazzjoni nhar il-25 ta' Awissu, 2004 (Dok. CSH3 a fol. 7), l-ammont zghir ta' flus li sofra l-vittma u l-Fedina Penali relattivament nadifa ta' l-imputat, il-Qorti mhix tal-fehma li ghandha tapplika pieni karcerarji.

Il-Qorti tirrileva li minkejja l-ammissjoni totali ta' l-imputat ghall-akkuzi kollha, hija ma tistax issib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha ghaliex l-akkuza ta' ricettazzjoni inghatat mill-Prosekuzzjoni bhala akkuza alternattiva ghas-serq u stante li fuq ammissjoni tieghu stess sabitu hati ta' l-akkuza ta' serq, qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-akkuza ta' ricettazzjoni.

Il-Qorti thoss illi l-imputat li ghandu eta` zghira ghandu bzonn gwida u ghajnuna f'hajtu sabiex ma jaqbadx it-triq ta' kriminalita` u jzomm 'il boghod mill-perikolu u ghalhekk thoss li ghandha tpoggi lill-imputat taht is-supervizjoni ta' ufficjal tal-*probation*.

Il-Qorti rat l-artikoli tal-ligi u cjoe` 18, 261, 270, 271, 33…, 325 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li qed issibu hati ta' l-akkuza ta' serq aggravat bil-hin u bix-xorta tal-

haga misruqa u ta' hsara volontarja u tiddeciedi li tpoggi lill-imputat taht ordni ta' *probation* ghall-perijodu ta' sentejn millum *ai termini* ta' l-artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta. Dwar l-akkuza ta' ricettazzjoni, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghha.

Tordna lill-imputat *probationer izomm* kuntatt regolari ma' l-ufficjal tal-*probation* b'dan illi huwa ghandu jobdi l-ordnijiet kollha li jigu moghtija lilu minnu.

Tordna *ai termini* ta' l-artikolu 9(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur ta' l-Ufficju tal-*Probation* sabiex jigi nominat l-ufficjal idejali ghal dan il-ghan.

Il-Qorti tordna bhala kundizzjoni ta' *probation* li l-imputat ihallas is-somma ta' Lm236 lil Carmelo Mercieca mill-Qala bhala kumpens ghad-danni sofferti minnu *ai termini* ta' l-artikolu 24(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------